# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** __________

## TAQSIMA A **(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Semmi **żewġ** raġunijiet għaliex xi żgħażagħ isibuha bi tqila biex jipprattikaw ir-Reliġjon.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

2. X'jemmen li jiġri wara l-mewt in-Nisrani?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

3. Xi tfisser il-ġenna għall-Musulmani?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

4. Min qaleb il-Bibbja kollha għall-Malti mil-lingwi oriġinali?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

5. B'liema lingwi nkitbu l-ewwel kotba tal-Bibbja?

a. ________________________________

b. ________________________________ (2 marki)

6. Semmi **żewġ** okkażjonijiet fejn l-aktar tintuża l-Bibbja?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

7. Fisser il-kelma 'Ispirazzjoni'.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

8. Fisser dawn is-simboli li nsibu fil-Ġenesi.
   a) is-siġra tal-ħajja

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

   b) is-serp

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

9. Xi tfisser il-kelma "Ġenesi"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

## TAQSIMA B

***It-Testment il-Qadim iwasslilna l-messaġġ tas-salvazzjoni li Alla ta lill-bnedmin. Dan seħħ permezz ta' persunaġġi u ġrajjiet. Għid kif dawn il-persunaġġi u ġrajjiet marbutin magħhom taw sehemhom biex wasslu dan il-messaġġ.***

**Abraham, Mosè, David, il-Profeti**.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________ **(4 x 5 = 20 marka)**

**Taqsima Ċ** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

***"Tixbah is-Saltna tas-smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela' jtellgħuha x-xatt u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin." (Mt. 13, 47-48)***

1. Fisser din il-parabbola f'madwar 25 kelma.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

2. Ma' min xebbah il-ħut it-tajjeb Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Ma' min xebbah il-ħut il-ħażin Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

4. Kif twieġeb lil min jakkuża lill-Knisja li xi wħud mill-membri tagħha ma jgħixux verament ta' Nsara?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

5. Fil-Kredu nistqarru li l-Knisja hija 'Xirka tal-Qaddisin'. Min huma l-qaddisin fil-Knisja?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. X'tifhem meta tgħid li l-Knisja hi 'Qaddisa'?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

7. X'mezzi għandha l-Knisja biex twassal lill-midinbin għall-qdusija?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

## TAQSIMA D (40 marka)

**Wieġeb fit-tul għal <u>TNEJN</u> minn dawn l-erba' mistoqsijiet fuq karta separata.**

1. ***Ġesù kien bħalna f'kollox minbarra fid-dnub.***

   a. Irrakkonta **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li juru li hu kellu sentimenti umani. (2 x 3 marki)

   b. Barra li kien bniedem bħalna, Ġesù kien ukoll Alla. Irrakkonta **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li juru li hu kien verament Alla. (2 x 3 marki)

   ċ. X'jistenna Ġesù minn min jilqgħu f'ħajtu bis-serjetà? *(Wieġeb f'mhux inqas minn 50 kelma)* (8 marki)

2. ***L-Ewkaristija hija l-ogħla għaqda tagħna ma' Alla u bejnietna.***

   a. Irrakkonta **meta** u **kif** Ġesù waqqaf l-Ewkaristija. (8 marki)

   b. Fisser kif il-Ġisem ta' Ġesù ħa post il-ħaruf ta' l-Għid tat-Testment il-Qadim. (6 marki)

   ċ. Biex l-Ewkaristija (il-Quddiesa) tkun tassew bis-sens irid ikollna:

      i. imġiba ta' tifħir u ringrazzjament

      ii. imġiba ta' offerta tagħna lill-Missier (nagħmlu r-rieda t'Alla)

      iii. imġiba ta' offerta tagħna nfusna lill-aħwa (maħfra, ftehim, għajnuna lil xulxin)

      ***Fisser kull waħda minn dawn it-tlieta.*** (3 x 2 marki)

3. ***"Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midimbin għall-indiema."***

   a. Irrakkonta **żewġ ġrajjiet** fil-ħajja ta' Ġesù meta ltaqa' ma' midneb/midinba u għid kif ġab ruħu Ġesù. (2 x 3 marki)

   b. X'jitlob Ġesù mill-midneb? (6 marki)

   ċ. X'għandna nfittxu l-aktar biex il-Qrar ikun tassew ta' siwi għal ħajjitna? (***Semmi*** u ***fisser*** mill-inqas ***4 punti***). (2 x 4 marki)

4. ***Il-Bibbja:- il-Kelma t'Alla, miktuba fi kliem il-bniedem.***

   a. Għaliex l-Insara jqisu l-Bibbja bħala l-Kelma t'Alla. *(Agħti **żewġ** raġunijiet u fissirhom)* (2 x 3 marki)

   b. Fisser kif il-Bibbja hi miktuba fi kliem il-bniedem. (6 marki)

   ċ. Bħala Nsara kif għandna naqraw il-Bibbja biex tkun verament il-messaġġ ta' Alla għalina? *(Semmi u fisser **4 punti**)* (4 x 2 marki)